Ottubru 2017
Nru. 223

L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

# P. Paul Attard, OFM Kappillan Ġdid



Bil-Motto: "Let Go, Let God!", P. Paul Attard, OFM beda l-ħidma tiegħu bħala kappillan fil-Parroċċa tagħna tas-Sacro Cuor tas-Sliema. Dan sar nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru, fejn f'quddiesa solenni kif ukoll sinifikattiva l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles Jude Scicluna ħatar lil P. Paul kappillan.

Fil-Katekiżmu tal-Knsija Kattolika nsibu l-importanza ta' xogħol il-Kappillan li jifforma Knisja li hi komunità preċiża ta' Nsara, imwaqqfa b'mod stabbli fi Knisja partikulari, u fiha, l-kura pastorali hi fdata lilu bħala ragħaj propju tagħha, taħt l-awtorità tal-Isqof djoċesan. Il-Knisja hi l-post fejn l-Insara kollha jistgħu jinġabru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'jum il-Ħadd. Il-parroċċa ddaħħal il-poplu Nisrani fiċ-ċelebrazzjoni ordinarja tal-ħajja liturġika tagħha, tiġbru għal din iċ-ċelebrazzjoni, tgħallmu d-duttrina tas-salvazzjoni ta' Kristu; tagħti xhieda tal-imħabba ta' Kristu b'għemejjel tajba u ta' mħabba bejn l-aħwa.

## Sacro Cuor: 100 Sena Parroċċa



"Jiena magħkom dejjem"

Il-Parroċċa tas-Sacro Cuor din is-sena qed tiċċelebra l-100 sena parroċċa. Bil-Motto: "Jiena magħkom dejjem" nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru ngħata bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-ftuħ ta' din is-Sena Ċentinarja.

Il-Programm beda b'serata Muzika Letterarja u wara sar id-diskors mill-Kappillan il-ġdid P. Paul Attard, ofm.

Fid-diskors tiegħu huwa

*ikompli f'paġna 3*

### Inti Ħawli? Inti Ħawlija?

Fid-dizzjunarju mill-Malti għall-Ingliż ta' Vincenzo Busuttil, edizjoni Taljana tas-sena 1900, eżattament f'paġna 106 insibu t-tifsira bl-Ingliż tal-kelma Maltija "Ħawli". Kelma li tfakkarni meta fi tfuliti kif ukoll fl-ewwel snin tal-ħajja reliġjuża tiegħi, fis-Sajf ġieli konna mmorru ngħumu fiż-Zewwieqa fil-port tal-Imġarr, fin-naħa li dak iż-żmien kienu jsibuha bħala l-"Ħawlija". Ngħidilkom is-sew, ma nafx jekk għadhomx isejħulha hekk illum meta l-post ġie żviluppat kif nafuh illum bil-yatch marina, bir-restaurants u l-car park. Xi forma ta' frott qiegħed jagħti!

Busuttil jittraduċi l-kelma "Ħawli" bħala "sterili, bla frott". Għalhekk normalment wieħed jgħid "raba' ħawli", jew "mara ħawlija". Mhux neċessarjament għax ir-raba' ma jistax ikollu frott jew il-mara jkollha l-ulied. Sempliċement li r-raba' qatt ma kien ikkultivat u għalhekk bla frott "ħawli" u l-mara qatt ma kellha wlied u għalhekk "ħawlija"!

Ix-xahar ta' Ottubru huwa għażiż ħafna għalina l-Franġiskani, kemm għax huwa x-xahar li fih niċċelebraw is-Solennità ta' Missierna San Franġisk, kif ukoll għax huwa x-xahar iddedikat lit-talba sabiħa tar-Rużarju. Aħna l-Franġiskani għandna d-drawwa sabiħa tal-Kuruna Franġiskana li tmur lura bosta snin qabel is-sena 1422, meta din it-talba ġiet rikonoxxuta

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

b'mod uffiċċjali u nxterdet mal-Ordni kollu. Għalkemm hija tradizzjoni antika li r-Rużarju nafu l-bidu tiegħu lil Missierna San Duminku ta' Guzman (1170-1221). Dan nafuh minn ħolma li l-Beatu Alan de la Roche kellu fis-seklu 15, aktar minn 250 sena wara l-mewt ta' San Duminku. De la Roche kien teologu u kittieb magħruf u rispettat ħafna (c. 1428-1478) u kien strumentali biex id-devozzjoni tar-Rużarju nxterdet mal-Knisja tal-Punent. Mhux l-iskop tiegħi li niffoka fuq l-iżvilupp ta' din it-talba tul is-sekli sa kif nafuha 'llum. Ridt nieqaf biss fuq il-kelma "Frott" li nlissnu kull darba li nitolbu s-Sliem għalik Marija!

Ġesù jgħidilna li Hu għażilna, ħatarna u bagħatna sabiex nagħmlu l-frott, u frott li jibqa'! Kultant nistħajjel li ma nifhmux eżatt għal liema frott qiegħed jirreferi Ġesù. Missierna San Franġisk jgħidilna li kull meta nilqgħu l-Kelma, din titnissel fina mill-ġdid (spiritwalment) u kull meta l-Kelma ngħixuha, din inwelduha mill-ġdid (spiritwalment). Imma għal liema Kelma qiegħed jirreferi Ġesù jekk mhux għaliH innifsu kif jispjegalna l-Fqajjar ta' Assisi? Hija dik il-Kelma li saret Bniedem fil-persuna ta' Ġesù u li saret Ewkaristija. Qabel ma Ġesù tnissel fil-ġuf Verġinali ta' Marija, kien diġà tnissel fil-qalb, fir-ruħ tagħha meta laqgħet il-Kelma li kienet tħabbritilha mill-Anġlu Gabrijel u wellditha mill-mument li bdiet tgħixha, qabel ma din il-Kelma wellditha ċkejkna tarbija ġewwa l-għar ta' Betlehem. U Ġesù hekk ried ifisser meta qal, "Min huma ommi u ħuti. Dawn ara huma ommi u ħuti, dawk li jilqgħu l-Kelma u jgħixuha!" Wara kollox mhux din hija s-sejħa tagħna, jiġifieri, "li ngħixu l-Evanġelju Imqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu, fl-ubbidjenza, bla xejn tagħna u fil-kastità"?! Nilqgħu l-Kelma u ngħixu l-Kelma. Il-gwaj ta' ħafna nsara b'mod ġenerali u ta' ħafna persuni kkonsagrati b'mod partikolari huwa li ma għadhomx jagħmlu frott!! U dan għax minkejja kollox, minkejja x-xogħol u t-taħbit, ma baqgħux jilqgħu l-Kelma u wisq inqas baqgħu jgħixuha! Saru bħal dak ir-raba' ħawli li jsemmi Ġesù fil-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra'! Saru bħal dik il-mara ħawlija li qatt ma nisslet u qatt ma welldet ulied! Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

# Ittra ċirkulari mill-Ministru Provinċjal



Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk il-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, ħareġ ċirkulari dwar il-prijoritajiet li l-Kapitlu Provinċjali fassal u għalhekk żmien x'naħlu ma għandniex għax iż-żmien qiegħed igerbeb ġmielu.

Huwa jitkellem fuq il-figura kariżmatika ta' dan il-Qaddis li saħħret warajha eluf kbar ta' nies tul dawn l-aħħar tmin mitt sena u fuqhom. Din il-kariżma, tibqa' dejjem rilevanti għad-dinja li ngħixu fiha, li għalkemm tidher ħafna differenti mid-dinja li kien jgħix fiha Franġisku, fl-istess ħin wieħed jista' jgħid li tixbaħha ħafna wkoll. Id-dinja tallum għandha bżonn ta' persuni, irġiel u nisa, imlaqqmin mill-Kelma tal-Evanġelju, imlaqqmin mill-kariżma Franġiskana, iddedikati bi ħġarhom biex bil-ħajja tagħhom, bl-eżempju aktar milli bil-kelma, ilaqqmu d-dinja, is-soċjetà u n-nies ta' madwarhom.

Għalhekk huwa temm li bħal Missierna San Franġisk jeħtieġ aħna ukoll nifhmu li l-Mulej tana aħwa, u lkoll kemm aħna msejħin sabiex inkunu aħwa għal xulxin.

## Ottubru
## Appuntamenti

**2** ta' Ottubru, Definitorju Provinċjali: Rabat

**4** ta' Ottubru, Festa Missierna San Franġisk: Quddiesa mill-Ministru Provinċjal għal-Patrijiet kollha u l-familja Franġiskana, fil-Knisja Santa Maria ta' Ġesù, Valletta, fis-6.15pm.

### Birthdays - Ottubru

07. P. Gwann Azzopardi
15. P. Angelo Falzon
16. P. Alexander Borg
18. P. Joe Caruana
22. P. Anton Farrugia
28. P. Richard Stanley Grech

### Festi - Ottubru

02. P. Angelo Falzon
09. P. Dionysius Mintoff
13. P. Edward Pace
13. P. Edward Zammit
23. P. Gwann Micallef
26. P. Alfred Sciberras
26. P. Alfred Tabone

minn paġna 1

# ...nfittxu lil dawk li jinsabu fil-periferija!

tkellem fuq kemm din il-parroċċa kienet u għadha għajn ta' grazzji u issa mitt sena wara, tajjeb li nxamru l-kmiem u naħdmu biex immorru fil-periferiji tal-parroċċa u naħdmu anke hemmhekk. Dan huwa parti mid-diskorss tiegħu: "...qabel ma' Dun Pawl Vella 145 sena ilu (1872) erħielha mill-belt għall-villeġġatura f'Tas-Sliema, qabel mal-patrijiet Frangiskani 5 snin wara fit-12 ta' Novembru (1881) ħadu f'idejhom dan it-Tempju majestuz, qabel ma' Glormu Darmanin ħareġ il-Kapulavur tal-Istatwa tas-Sultana tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù, l-Omm tagħna tas-Sema kienet diġà tefgħet għajnejha fuq din il-għolja f'dawn l-inħawi ta' tas-Sliema! Mhux is-snin li jgħoddu, mhux il-festi u ċ-ċentinarju, iżda l-mirakli u x-xita ta' grazzji mis-sema li xerrdet f'100 sena sħaħ!

*...mhux is-snin li jgħoddu, mhux il-Festi u ċ-Ċentinarju, iżda l-Mirakli u x-xita ta' grazzji mis-sema li xerrdet f'100 sena sħaħ!*

Dan hu li qed niċċelebraw illum. Niċċelebraw il-ferħ li fl-1918, Patri Wiġ Attard ofm mir-Rabat, l-ewwel Kappillan u l-Komunità Franġiskana, għexu meta l-Knisja tas-Sacro Cuor ġiet maħtura Parroċċa! Ferħ u entużjażmu li rridu nkomplu ngħadduh lit-3,860 Parruċċan fi ħdan l-1,467 Familja fil-preżent. Ferħ li rridu ngħadduh lill-ġenerazzjoni ta' warajna! Ferħ li rridu naraw kif se ngħadduh lit-tfal u żgħażagħ li għalihom trid tkun il-preokkupazzjoni tagħna f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet! Kif staqsa l-Arcisqof Charles J. Scicluna fil-pussess tieghi :

"Fejn huma ż-żgħażagħ f'din il-Knisja!!"

L-Eku tal-Papa Frangisku li qal: "Let us entrust this dream into the hands of Providence" isib għeruqu fin-nisġa tal-Vanġelu minn fomm Kristu: "Jiena Magħkom Dejjem"! Kliem ta' kuraġġ magħżul bħala l-logo għalina li 100 sena wara kellna nduqu dinja sekularizzata.

Dinja li qed tara jitfarrku l-valuri nsara bil-wisq iktar mill-ħerba li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra Dinjija! Illum irridu iktar minn qatt qabel, inxamru l-kmiem biex inkomplu nibnu pontijiet addattati għal sfidi moderni li l-ġenerazzjoni tal-lum qed tħabbat wiċċha magħha!

Il-ħarsa tas-Sultana tagħna tal-Qalb ħelwa ta' Ġesù llum tisfidana biex noħorġu nfittxu lil dawk li jinsabu fil-periferija! Lil dawk li għal xi raġuni jew oħra m'humiex jiċċelebraw magħna avolja jgħixu magħna!"

Wara d-diskors tnieda l-logo tas-sena ċentinarja xogħol l-artist Għawdxi Adonai Camilleri Cauchi. u wara sar diskors minn P. Frank Borg O.P.









# Ġimgħa ta' Formazzjoni u ppjanar



Bejn il-31 t'Awwissu u l-5 ta' Settembru P. Stephen Magro, P. Walter Vassallo u P. Ramon Farrugia, bħala grupp għall-ħidma vokazzjonali, għexu ġimgħa ta' formazzjoni u ppjanar ġewwa l-flat tal-Bahia, fil-Mellieħa.

Matul l-ewwel tlett ijiem kellhom sessjonijiet ta' formazzjoni dwar l-akkumpanjament tal-kandidati u t-tisfija tal-motivazzjonijiet tagħhom. Fit-tlett ijiem ta' wara għaqqdu l-ideat tagħhom u sawru pjan ta' akkumpanjament li jħaddan 3 fażijiet:

1. l-animazzjoni vokazzjonali,
2. l-akkumpanjament tal-aspiranti
3. l-programm tal-Postulandat.

# Art ta' quddiem iċ-Ċentru Franġiskan tiġi f'idejna




Wara stennija ta' sittin sena, fl-aħħar seħħet il-ħolma ta' tant patrijiet, fosthom P. Benjamin Galea OFM, li l-art ta' quddiem iċ-Ċentru Franġiskan – Porziuncola, ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, fl-aħħar tiġi f'idejna. Kien fis-sena 1957 li P. Benjamin feda l-kumplament ta' kuntratt ta' ċens li kien sar fis-sena 1918.

Madanakollu dawk li kienu qed jagħmlu użu minn din l-art, u maż-żmien l-eredi tagħhom, tħallew mill-Provinċja b'sens ta' tolleranza biex ikomplu jagħmlu użu minnha sakemm kellu jagħlaq eżattament fl-14 ta' Awwissu 2017. Barra minn hekk ukoll fis-sena 1990 P. Benjamin Galea OFM kien għamel kuntratt ieħor mal-Kurja ta' Malta għall-proroga ta' ċens perpetwu, li issa jmiss li jiġġedded fis-sena 2117, u jibqa' jiġġedded kif stipulat fl-istess kuntratt, għal min jibqa' ħaj, kull mitt sena.

Din hija biċċa oħra mill-istorja tal-Provinċja tagħna b'mod ġenerali u taċ-Ċentru Franġiskan – Porziuncola b'mod partikolari. Ilkoll kemm aħna konna dejjem nittamaw li jasal dan il-mument, u bil-għajnuna t'Alla llum nistgħu ngħidu li wasal. Wara taħdidiet kordjali bejn il-Ministru Provinċjal P. Richard Stanley Grech OFM u l-werrieta ta' dawk li oriġinarjament kienu qed jagħmlu użu minn din l-art sa minn żmien P. Benjamin Galea OFM, sar qbil bonarju biex effettivament u b'mod immedjat il-pusses sħiħ u l-użu tal-istess art issa għadda b'mod definittiv f'idejn il-Provinċja tagħna.

# In-Nunzju Apostoliku ġdid iżur l-anzjani f'Domus Pacis



It-Tlieta 12 ta' Settembru n-nunzju Appostoliku ġdid għal Malta Mons. Alessandro D'Errico għamel żjara lill-anzjani tagħna fir-residenza Domus Pacis f'Baħar iċ-Ċagħaq fejn ukoll huwa rtirat Mons. Sylvestru Magro, OFM. Huwa kien akkumpanjat mill-isqfijiet Franġiskani Maltin Mons. Robert Camilleri, Mons. Joe Bonello u Mons. George Bugeja.

Bħalissa f'Domus Pacis jinsabu rtirati flimkien ma' Mons Sylvestru Magro, OFM, P. Ġwann Micallef, P. Kerubin Galea u P. Ġużepp Camilleri.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21234316 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*